MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 925/2004

**Patri Adrian Cachia**

**Vs**

**Sandro Baldacchino**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ seba’ mija u disghin lira Maltin (Lm790) rapprezentanti danni kkagunati f’incident tat-traffiku kif spjegat ahjar fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li ma kienx responsabbli ghall-incident. Il-konvenut ikkontesta wkoll id-danni.
Illi skond ir-Rapport tal-pulizija l-attur qal:

Li ra l-vettura Renault wieqfa. Nizel biex jara x'gara. Mar ftit 'il boghod mill-vettura biex jikkontrolla t-traffiku u f'daqqa wahda jisma' brake u jara vettura miexja 'l hemm u 'l hawn u l-vettura Escort tidhol gol-bieba tax-xellug tal-vettura Toyota peress li l-passiggier li kellu fetah il-bieba…Qal li l-bieba kienet miftuha xi pied. Hu qal li meta waqaf kellu l-hazard lights mixghula.

Skond l-istess Rapport il-konvenut qal:

Li hu kien gej fil-lane ta' barra. Ra vettura Toyota wieqfa. Ipprova jaqleb ghal-lane ta' gewwa. Dak il-hin kien hemm wiehed quddiemu u ghalhekk ma kellux triq ohra hlief li jerga' jaqleb ghal-lane ta' barra. Hu qal li dak il-hin ipprova jghaddi bejn il-vettura Toyota w iehor li kien fuq il-lane ta' gewwa. Dak il-hin infethet il-bieba tax-xellug tat-Toyota u hu habat mal-bieba. Hu qal li safejn jaf hu, habat mal-bieba.

Fix-xhieda l-attur qal li kien qal lill-passiggier tieghu biex ma jinzilx izda mbaghad x'hin ra li ma kienux gejjin karozzi qallu biex jinzel. F'dak il-hin ra karozza gejja b'velocita' qawwija u beda jaghmel is-sinjali. Il-karozza li kienet gejja tilfet il-kontroll u habtet mal-bieba li kienet infethet mill-passiggier.

Il-konvenut xehed li ra l-karozza ta' l-attur ftit 'il boghod, kien hemm it-Toyota fuq il-lemin u karozza ohra biswit taghha. Il-konvenut ried jevita l-incident u ghazel li jipprova jghaddi bejn iz-zewg karozzi izda dak il-hin il-passiggier fetah il-bieba.

Gie pprezentat Affidavit ta' John Camilleri li qal li:

"Meta l-bieba tal-vettura kienet diga' miftuha, giet b'velocita' qawwija vettura tal-marka Ford Escort u…minkejja l-isforzi ta' l-istess Patri Adriano…Sandro Baldacchino baqa' diehel fuq il-genb tal-karozza ta' Patri Adriano."

Fil-kawza **Untours Vs Saliba (PA 29/1/2004)** gie ddikjarat:

"Illi huwa maghruf li hija regola generali li fi kwestjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilta' f'habta, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri:

a) Li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha ta' l-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici), u

b) Li jzomm attenzjoni (proper lookout) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih.

(Ara wkoll **Formosa & Camilleri Limited et Vs Joseph Camenzuli (PA - RCP 26/4/2001)**).
Illi jirrizulta li l-konvenut pogga lilu nnifsu f'pozizzjoni difficli u minhabba *speed* u nuqqas ta' *proper lookout* kellu jipprova jghaddi bejn iz-zewg karozzi. Mill-iskizz jirrizultaw it-*tyre marks* jew *brake marks* li halla warajh il-konvenut. Illi jirrizulta li l-incident gara ghaliex il-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Il-konvenut kellu d-dover li jzomm il-vettura tieghu taht kontroll necessarju sabiex jekk ikun hemm karozza wieqfa jkun jista' f'distanza ragunevoli jwaqqaf il-vettura. Il-konvenut kellu d-dover jara l-attur ixejjer u jsuq bi *speed* baxx. Jirrizulta li ma setax jieqaf, ipprova jdur fuq ix-xellug, ra li kien hemm vettura ohra u ghalhekk kellu jipprova jghaddi bejn iz-zewg karozzi. Ma jistax jinghad li l-incident gara ghaliex infethet il-bieba.

Illi huwa veru li fil-kawza **Cefai Vs Coleiro (PA 25/6/1999)** intqal:

"When a motor car is standing on the public road, the door on the side of the road should not be opened by anybody without first making sure that there is no vehicle coming which might come into collision with it."

**Roberto Rovinelli (Le Responsabbilita' Civili e Penali per gli Incidenti della Strada (Vol. Ii. P. 51 decizjoni tal-Cass. Mass. Pen)** jghid:

"Aprire la portiera di un'autovettura ferma, metre un motoveicolo si trova in fase di sorpasso, costituisce grave imprudenza."

Illi f'dan il-kaz l-attur kien barra mill-karozza u meta ra li ma kien gej hadd qal lill-passiggier biex johrog. F'dak il-waqt gie l-konvenut bi *speed* oltre dak regolamentari u gara l-incident.

Dwar id-danni gew esebiti s-*survey* u l-*quotation*. Dawn jidhru ragunevoli.

Ghalhekk jichad ir-Risposta, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas is-somma ta' seba' mija u disghin lira Maltin (Lm790) kif mitlub. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (10 ta' Mejju, 2004).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------